VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 25 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

## L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' International Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' International Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji kif maħtur mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni wara konsultazzjoni mal-Università Msieħba;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A.;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' International Master Arts in Transcultural Counselling – M.A.;

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad;

"is-Senat" tfisser is-Senat tal-Università ta' Malta;

"l-Università" tfisser l-Università ta' Malta; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



"l-Università Msieħba" tfisser il-University of Maryland, USA.

(3) Dan il-Grad huwa grad ta' Master Internazzjonali tal-Università u dan għandu jfisser li l-Kors huwa mgħallem fl-Università bil-kollaborazzjoni ta' Università Msieħba fi ħdan qafas ta' programm għal grad doppju. Il-Grad jingħata biss jekk iż-żewġ universitajiet jiddikjaraw li l-istudent huwa eliġibbli biex jingħata r-rikonoxximent.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2011 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Il-Kors huwa miftuħ għal applikanti li għandhom grad tal-ewwel ċiklu fl-istudji umanistiċi miksub bi klassifikazzjoni tat-tieni klassi bl-unuri jew aħjar, jew klassifikazzjoni ekwivalenti.

(2) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa juru li għandhom il-kompetenza u d-dispożizzjoni meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) (a) Il-kompetenza u d-dispożizzjoni professjonali għandhom ikunu mkejla permezz ta' eżerċizzji li jinvolvu (i) diskussjoni fi grupp, u (ii) intervista personali.

(b) L-applikanti li jiksbu anqas minn 60% għad-dispożizzjoni professjonali u għall-kriterju tad-dispożizzjoni awtomatikament ma jidħlux fil-Kors.

(4) Is-Senat, fuq il-parir tal-Bord tal-Istudji, jista' jillimita l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fil-Kors. Meta n-numru jkun limitat hekk u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jintgħażlu permezz ta' intervista skont il-kriterji li ġejjin, li ż-żewġ universitajiet ikunu qablu fuqhom u li jkunu ppubblikati fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet:

(a) it-tip tal-grad u l-klassifikazzjoni – 20%;
(b) l-esperjenza fil-qasam – 15%;
(c) il-kompetenza u d-dispożizzjoni professjonali – 55%; u
(d) ir-referenzi – 10%.

(5) Il-bord tal-intervisti għandu jkun maħtur mill-Bord u għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' tliet semestri ta' studju *full-time* u sitt xhur oħra għal komponent kliniku sorveljat.

**Il-Programm ta' Studju**

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 120 ECTS krettu, li minnhom 90 krettu ECTS jkunu assenjati għat-taqsimiet studju mgħallma u kliniċi u 30 krettu ECTS għat-taqsima studju tad-dissertazzjoni.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Valutazzjoni u l-Progress**

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn ħames taqsimiet studju mgħallma għandhom jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid tat-taqsimiet studju li weħlu fihom fis-sessjoni tal-eżamijiet skedata li jkun imiss (Mejju jew Settembru).

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meqjusa li weħlu mill-Kors.

(4) L-istudenti għandhom iżommu livell sodisfaċenti fit-taqsimiet studju li jinvolvu xogħol kliniku sorveljat li għandu jkun valutat fuq il-bażi ta' Għadda jew Weħel.

(5) L-istudenti li ma jgħaddux fil-komponent kliniku sorveljat ma għandhomx ikollhom id-dritt għal valutazzjoni supplimentari u għandhom ikunu meħtieġa li jerġgħu jagħmlu x-xogħol matul sena ta' studji addizzjonali. Din is-sena addizzjonali ma tingħaddx għall-iskop tat-tul tal-Kors.

**Id-Dissertazzjoni**

7. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu dissertazzjoni individwali ta' madwar 20,000 kelma, skont il-linji gwida maħruġa mill-Bord tal-Istudji.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu approvati mill-Bord tal-Istudji mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tat-tielet semestru.

8. (1) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom.

(2) Is-superviżuri għandhom jissottomettu lill-Bord tal-Istudji rapporti dwar il-progress ta' kull student taħt is-superviżjoni tagħhom. Dawn ir-rapporti jistgħu jinkludu rakkomandazzjoni biex jew (a) il-perijodu ta' studju jkun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord tal-Istudji ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skont (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

9. (1) Kull dissertazzjoni għandha tkun eżaminata minn Bord tal-Eżaminaturi magħmul mill-anqas minn erba' eżaminaturi li jirrappreżentaw iż-żewġ istituzzjonijiet imsieħba.

(2) L-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa li joqogħdu għal eżami *viva voce* biex jiddefendu d-dissertazzjoni tagħhom u dan jista' jsir permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni elettroniċi jekk ikun hemm l-approvazzjoni tal-Bord tal-Istudji.

(3) L-istudenti li d-dissertazzjoni tagħhom ma tkunx sodisfaċenti jistgħu jew jeħlu jew ikunu meħtieġa mill-Bord tal-Eżaminaturi jerġgħu jiktbu d-dissertazzjoni kollha jew parti minnha u jerġgħu jissottomettuha għall-eżami. L-istudenti jistgħu jerġgħu jissottomettu d-dissertazzjoni sa mhux aktar tard minn sitt xhur min-notifika tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Eżaminaturi.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

10. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

**Iċ-Ċertifikat tar-Rikonoxximent**

11. Iċ-ċertifikat mogħti mill-Università għandu jinkludi dikjarazzjoni li tindika li l-Università Msieħba tat separatament grad għat-tmiem b'suċċess tal-istess Kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 25 of 2012**

**EDUCATION ACT**
**(CAP. 327)**

**Bye-Laws of 2012 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of International Master of Arts in Transcultural Counselling - M.A. - under the auspices of the Faculty of Education**

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Education in virtue of the powers conferred upon it by article 81(1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by section 81(2) of the said Act:

**Citation and Interpretation**

1. (1) These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2012 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of International Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A. – offered under the auspices of the Faculty of Education.

(2) In these bye-laws, unless the context otherwise requires -

"the Board of Studies" means the Board of Studies as appointed by the Board of the Faculty of Education after consultation with the Partner University;

"the Course" means the programme of study leading to the degree of International Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A.;

"the Degree" means the degree of Master of Arts in Transcultural Counselling – M.A.;

"the Partner University" means the University of Maryland, USA;

"the Principal Regulations" means the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008;

"the Senate" means the Senate of the University of Malta; and

"the University" means the University of Malta.

(3) This Degree is an International Master's degree of the University and this shall be taken to mean that the Course is taught at the University in collaboration with a Partner University within the framework of a double degree programme. The Degree shall only be awarded if both universities declare the student to be eligible for its award.

**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable for courses commencing in October 2011 or later.

**Requirements for Admission**

3. (1) The Course shall be open to applicants in possession of a first cycle degree in the humanities obtained with a second class honours or better classification, or an equivalent classification.

(2) All applicants shall be required to demonstrate that they have the necessary aptitude and disposition to follow the Course with profit.

(3) (a) Professional aptitude and disposition shall be measured by means of exercises involving (i) group discussion, and (ii) a personal interview.

(b) Applicants who obtain less than 60% for the professional aptitude and the disposition criterion shall automatically not be admitted into the Course.

(4) Senate, on the advice of the Board of Studies, may limit the number of students to be admitted to the Course. When the number is so limited and the number of eligible applicants exceeds the number of places available, applicants shall be selected during an interview, according to the following criteria, agreed to by both universities and published at the time of the call for applications:

(a) degree type and classification - 20%;
(b) experience in the area - 15%;
(c) professional aptitude and disposition – 55%; and
(d) references – 10%.

(5) The interviewing board shall be appointed by the Board and shall be composed of at least three members.

**Course Duration**

4. The Course shall extend over a period of three semesters of full-time study and an additional six months for a supervised clinical component.

**Programme of Study**

5. (1) The programme of study shall comprise study-units to which a total of 120 ECTS credits are assigned, of which 90 ECTS credits are assigned to taught and clinical study-units and 30 ECTS credits to the dissertation study-unit.

(2) The programme of study shall be published after approval by Senate, normally not less than eight months prior to the commencement of the Course.

**Assessment and Progress**

6. (1) The assessment of each taught study-unit shall be completed by the end of the semester in which the teaching of the study-unit is held.

(2) Students who in any academic year fail in the assessment of not more than five taught study-units shall be given the opportunity to re-sit the failed assessments at the next scheduled examination session (May or September).

(3) Students who fail in more than the number of study-units permitted under paragraph (2) of this bye-law, or students who after re-assessment fail to obtain credit for any taught study-unit, shall be deemed to have failed the Course.

(4) Students must maintain a satisfactory level of performance in the study-unit/s involving supervised clinical work which shall be assessed on a Pass/Fail basis.

(5) Students who fail to obtain a Pass in the supervised clinical component shall not have the right to a supplementary assessment and shall be required to re-do the work during an additional year of studies. Such an additional year shall not be counted for the purpose of Course duration.

**Dissertation**

7. (1) Students shall be required to submit an individual dissertation of approximately 20,000 words, in accordance with the guidelines issued by the Board of Studies.

(2) Work on the dissertation shall be undertaken during the third semester of the Course. Each student shall be assigned a supervisor who shall provide guidance and advice on a regular basis during the period of study.

(3) The title of the dissertation and a detailed research proposal shall be approved by the Board of Studies not later than two months before the start of the

VERŻJONI ELETTRONIKA



third semester.

8. (1) Students shall be required to have regular contact with their supervisor.

(2) Supervisors shall submit to the Board of Studies progress reports for each student under their supervision. Such reports may include a recommendation to either (a) extend the period of study in order to enable the student to complete the dissertation; or (b) terminate studies prematurely if the supervisor deems this to be proper in the circumstances, provided that:

(i) the extension of the study period referred to in (a) shall be in accordance with the provisions of Principal Regulations; and

(ii) the Board of Studies may not terminate studies prematurely according to (b) until it has first given the student a chance to be heard.

9. (1) Each dissertation shall be examined by a Board of Examiners composed of at least four examiners representing both partner institutions.

(2) Students may be required to take a *viva voce* examination to defend their dissertation and this may also be conducted using electronic means of communication if so approved by the Board of Studies.

(3) Students whose dissertation is found unsatisfactory may either fail or may be required by the Board of Examiners to rewrite the document in whole or in part and to re-submit it for examination. Students may re-submit the dissertation not later than six months from notification of the decision of the Board of Examiners.

**Classification of the Award**

10. The Final Weighted Average Mark for the purpose of the classification of the Degree shall be based on the results obtained in all the components of the programme of study, all credits being weighted equally.

**Testimonial of the Award**

11. The testimonial given by the University shall include a statement to indicate that the Partner University has separately awarded a degree for successful completion of the same Course.

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***
**Prezz/*Price***
**€036**